TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 67/09

**Elvin Magri**
**vs**
**Ideal Bathrooms**

Illum 27 t'April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Frar, 2009 fejn ir-rikorrent talab danni ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800), rappreżentanti *solar water heater* li kellu l-ħsara.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara sistema ta' *solar water heater* u li ħallas għaliha u wara diversi differimenti, ġiet ottenuta l-garanzija li l-intimat huwa l-persuna li qed jagħmel tajjeb.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-soċjeta' intimata debitament notifikata u msejħa tliet darbiet ma dehritx għas-seduta u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal jinnota wkoll li sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' intimata kien għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota wkoll illi wara li tingħata ċ-ċavetta tal-post peress li dan kien post mill-Awtorita' tad-Djar, imbagħad tibda tiskatta l-garanzija, pero' jidher li hemm problemi fl-installazzjoni tas-*supply* u l-*computer board* mhux oriġinali u ma jaħdimx sew.

It-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi s-sistema tibqa' hemm kif inhi, u tiġi rranġata a spejjeż tar-rikorrenti.

**Av Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888